VERŻJONI ELETTRONIKA

A.L. 30 tal-2015

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ L-*INCOME* (KAP. 123)

Ordni tal-2015 li jemenda l-Ordni dwar Skambju ta' Informazzjoni (Stati Uniti tal-Amerika) (FATCA)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 76 tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, il-Ministru għall-Finanzi għamel dan l-ordni li ġej:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. It-titolu ta' dan l-Ordni hu l-Ordni tal-2015 li jemenda l-Ordni dwar Skambju ta' Informazzjoni (Stati Uniti tal-Amerika) (FATCA), u dan l-Ordni għandu jinqara' u jinftiehem ħaġa waħda mal-Ordni dwar Skambju ta' Informazzjoni (Stati Uniti tal-Amerika) (FATCA), hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-ordni prinċipali". L.S. 123.156

Dikjarazzjoni.

2. Qed jiġi hawn iddikjarat:

(a) li skont l-Artikolu 7 tal-Ftehim bejn il-Gvern tal-Istati Uniti tal-Amerika u l-Gvern tar-Repubblika ta' Malta biex Itejbu l-Konformità Internazzjonali dwar it-Taxxa u biex Jimplimentaw il-*Foreign Account Tax Compliance Act* (il-"Ftehim"), magħmul il-Belt Valletta, fis-16 ta' Diċembru, 2013, u li kien ippubblikat bħala Skeda li tinsab mal-ordni prinċipali, il-Gvern tal-Istati Uniti tal-Amerika nnotifika lill-awtorità kompetenti ta' Malta permezz ta' ittri bid-data tal-1 ta' Lulju 2014 u 3 ta' Ottubru 2014 li Malta għandha tingħata l-benefiċċju ta' "*more favourable terms*" fid-data tal-bidu fis-seħħ tal-Ftehim;

(b) li l-Istati Uniti tikkonsidra l-kliem fil-korsiv fl-iSkeda li tinsab ma' din l-Ordni li hu "*more favourable terms*" fl-Anness I tal-Ftehim;

(ċ) li l-awtorità kompetenti ta' Malta aċċettat dawk il-"*more favourable terms*".

Żieda tal-iSkeda II mal-ordni prinċipali.

3. L-iSkeda li tinsab mal-ordni prinċipali għandha tiġi enumerata mill-ġdid bħala l-iSkeda I, u l-iSkeda II, li tinsab fl-iskeda ma' din l-Ordni, għandha tiżdied mal-ordni prinċipali.

Emenda għall-iSkeda I li tinsab mal-ordni prinċipali.

4. F'konformità mal-kontenut tal-iSkeda li tinsab ma' din l-Ordni, l-iSkeda I li tinsab mal-ordni prinċipali, kif enumerata mill-ġdid, għandha tiġi emendata kif ġej:

VERŻJONI ELETTRONIKA

(a) is-subparagrafu B(4)(e) tat-Taqsima VI tal-Anness I tagħha għandu jkun sostitwit b'dan li ġej:

"Sostanzjalment l-attivitajiet kollha tal-NFEE jikkonsistu fiż-żamma (ta' kollox jew ta' parti) tal-*outstanding stock* ta', jew li jipprovdu finanzjament jew servizzi lil, waħda jew aktar tas-sussidjarji li jagħmlu kummerċ jew negozju barra minn negozju ta' Istituzzjoni Finanzjarja, ħlief li Entità m'għandhiex tikkwalifika għal status ta' NFEE kemm il-darba l-Entità tiffunzjona (jew tirrapreżenta lilha nnifisha) bħala fond ta' investiment, bħal fond privat ta' ekwità, fond ta' *venture capital*, fond *leveraged buyout*, jew kull mezz ta' investiment li l-għan tiegħu hu li jakkwista jew jiffinanzja kumpanniji u imbagħad iżomm interessi f'dawk il-kumpanniji bħal assi kapitali għall-għanijiet ta' investiment;";

(b) għandu jiżdied il-paragrafu G fit-Taqsima VI tal-Anness I tagħha kif ġej:

"**G. Proċeduri Alternattivi Għal Kontijiet Ġodda ta' Entità Miftuħa fi jew wara l-1 ta' Lulju, 2014, u qabel l-1 ta' Jannar, 2015**. Dwar Kontijiet Ġodda ta' Entità miftuħa fi jew wara l-1 ta' Lulju, 2014, u qabel l-1 ta' Jannar, 2015, jew fir-rigward tal-Kontijiet Ġodda ta' Entità kollha jew, separatament, fir-rigward ta' xi grupp ta' tali kontijiet li jkun identifikat b'mod ċar, Malta tista' tippermetti Istituzzjonijiet Finanzjarji ta' Malta ta' Rappurtar li jittrattaw dawk il-kontijiet bħala Kontijiet Pre-eżistenti ta' Entità u li japplikaw il-proċedurei ta' diliġenza xierqa relatati mal-Kontijiet Pre-eżistenti ta' Entità speċifikati fit- taqsima IV ta' dan l-Anness I minflok il-proċeduri ta' diliġenza xierqa speċifikati fit-taqsima V ta' dan l-Anness I. F'dak il-każ, il-proċeduri ta' diliġenża xierqa tat-taqsima IV ta' dan l-Anness I għandhom jkunu applikati mingħajr rigward għall-limitu tal-bilanċ jew tal-valur tal-kont speċifikat fil-paragrafu A tat-taqsima IV ta' dan l-Anness I.".

Arranġamenti jkollhom effett.

5. Illi huwa spedjenti li dawk l-arranġamenti għal "*more favourable terms*" kif implimentati permezz taż-żieda tal-iSkeda II mal-Ordni prinċipali għandu jkollhom effett fid-data tal-bidu fis-seħħ tal-Ftehim u skont id-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dik l-iSkeda II.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Skeda

(Artikolu 3)

"Skeda II

Kliem fil-korsiv ikkunsidrat mill-Istati Uniti li hu "more favourable terms" fl-Anness I tal-Ftehim kif innotifikat lill-Awtorità Kompetenti ta' Malta permezz ta' ittri bid-data tal-1 ta' Lulju 2014 u tat-3 ta' Ottubru 2014.

1. Is-subparagrafu B(4)(e) tat-Taqsima VI tal-Anness I:

"Sostanzjalment l-attivitajiet kollha tal-NFEE jikkonsistu fiż-żamma (ta' kollox jew ta'parti) tal-outstanding stock ta', jew li jipprovdu finanzjament jew servizzi lil, waħda jew aktar tas-sussidjarji li jagħmlu kummerċ jew negozju barra minn negozju ta' Istituzzjoni Finanzjarja, ħlief li *Entità* m'għandhiex tikkwalifika għal status ta' *NFEE* kemm il-darba l-*Entità* tiffunzjona (jew tirrapreżenta lilha nnifisha) bħala fond ta' investiment, bħal fond privat ta' ekwità, fond ta' venture capital, fond leveraged buyout, jew kull mezz ta' investiment li l-għan tiegħu hu li jakkwista jew jiffinanzja kumpanniji u imbagħad iżomm interessi f'dawk il-kumpanniji bħal assi kapitali għall-għanijiet ta' investiment;

2. Il-paragrafu G tat-Taqsima VI tal-Anness I:

G. Proċeduri Alternattivi Għal Kontijiet Ġodda ta' Entità Miftuħa fi jew wara l-1 ta' Lulju, 2014, u qabel l-1 ta' Jannar, 2015*. Dwar Kontijiet Ġodda ta' Entità miftuħa fi jew wara l-1 ta' Lulju, 2014, u qabel l-1 ta' Jannar, 2015, jew fir-rigward tal-Kontijiet Ġodda ta' Entità kollha jew, separatament, fir-rigward ta' xi grupp ta' tali kontijiet li jkun identifikat b'mod ċar, Malta tista' tippermetti Istitituzzjonijiet Finanzjarji ta' Malta ta' Rappurtar li jittrattaw dawk il-kontijiet bħala Kontijiet Pre-eżistenti ta' Entità u li japplikaw il-proċedurei ta' diliġenza xierqa relatati mal-Kontijiet Pre-eżistenti ta' Entità speċifikati fit- taqsima IV ta' dan l-Anness I minflok il-proċeduri ta' diliġenza xierqa speċifikati fit-taqsima V ta' dan l-Anness I. F'dak il-każ, il-proċeduri ta' diliġenża xierqa tat-taqsima IV ta' dan l-Anness I għandhom jkunu applikati mingħajr rigward għall-limitu tal-bilanċ jew tal-valur tal-kont speċifikat fil-paragrafu A tat-taqsima IV ta' dan l-Anness I*.".